MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 73

**7 ta' Diċembru 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**ASSENTI**
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-

Sur John Mizzi, is-Sur Mark George Abdilla, is-Sur John Borg, is-Sur Antoine Attard u is-Sur Owen Patrick Attard.

Kien hemm preżenti wkoll is-Sur Sean Fitz direttur tal-kumpanija SJF li rebħet it-*tender* tal-kjosk ta' l-istazzjon kif ukoll is-Sur Christian Vella l-konsulent finanzjarju tal-Kunsill.

**73.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

73.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

73.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva ittra waħda ta' apoloġija, dik tas-Sur Matthew Mangion mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

73.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 71 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

73.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti ta' laqgħa 71 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

73.2.3 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 72 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

73.2.4 Fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John Mizzi, il-minuti tal-laqgħa numru 72 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

**73.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

73.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ma kelliex kommunikazzjonijiet.

73.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minħabba illi l-Kunsill rebaħ fondi għall-attivita' ta' Charles and Ron "Amare Argentum", skont ir-regoli kellu jgħaddi l-ispiża totali minfuqa fuq l-attivita' mill-Kunsill. Huwa ċċirkola fajl bid-dettalji kollha total 10,491Euro fuq din l-attivita' li 6,000Euro minnhom se jiġu rkuprati. Il-Kunsill approva din l-ispiża mingħajr oġġezzjoni.

73.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li kiteb lid-dipartiment fuq għadd ta' tenders li se jiskadu s-sena d-dieħla, u ma ħa l-ebda risposta jekk mhumiex se jinħarġu bħala reġjun għax ħadd ma jaf x'se jiġri fir-riforma tal-Kunsilli Lokali, hu kien se jibda jaħdem fuq it-tenders ħalli jinħarġu. Dawn huma *street lighting*, knis, kiri ta' karozzi, perit, avvukat, u *bulk refuse*.

**73.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

73.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammiit irrimarkat illi jekk se joħroġ tal-knis, talbet biex ċerti nħawi jinkinsu aktar minn darba fil-ġimgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qed jipprepara t-tender u kien qed jikkontempla illi ċerti żoni jinkinsu kuljum. Hu qal li min għandu xi kummenti jgħaddihomlu ħalli jdaħħalhom fit-tender.

73.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi wara li kkonsulta mad-dipartiment bħala President tar-Reġjun taċ-Ċentru, ma hemm xejn ħażin li kemm hu, kif ukoll il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg it-tnejn ikollhom vot fir-reġjun, is-Sur Fenech Adami bħala President u s-Sinjura Borg bħala rappreżentanta tal-Kunsill.

73.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi qed jisimgħu ħafna affarijiet dwar riforma fil-Kunsilli fosthom li r-reġjuni jieħdu over il-*health clinics*, li bħala Presidenti tar-reġjuni ma jistax ikun hemm Sindki u bħala Presidenti se jkunu *full time*.

**73.5 Rapport Finanzjarju Tielet Kwart tas-Sena**

73.5.1 Il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella ppreżenta r-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena. Is-Sur Vella qal li sa' l-aħħar ta' Settembru rreġistrajna *surplus* ta' 86,000 euro meta aħna għamilna budget ta' surplus ta' 22,000euro. In ġenerali bħala spejjeż qegħdin mal-pjan, anke jekk kien hemm xi voti li nfaqna aktar fuqhom bħal per eżempju materjal ta' tiswijiet ta' toroq. Anke bħala spejjeż kapitali, dawn qed isiru biss jekk nieħdu fondi tagħhom.

73.5.2 Is-Sur Vella qal ukoll illi l-kunsill qed ikompli jirnexxilu jaqta' mid-dejn antik, fosthom ta' *Northern Cleaning* u ARMS.

73.5.3 Skont is-Sur Vella, l-indikatur finanzjarju kien projettat illi jkun -22% sa l-aħħar tas-sena imma dan issa qiegħed -18%, li hija qabża posittiva.

73.5.4 Is-Sur Vella ġie mistoqsi dwar ir-rapporti li dehru fil-media illi skont l-awditur ġenerali, il-Kunsill tagħna, is-sena l-oħra, kellu *accounting deficit*. Huwa qal illi s-sena l-oħra konna konservattivi ħafna u għamilna numru ta' *write offs* fosthom ta' *assets* qodma. Kien hemm kunsilli li dawn ma għamluhomx. Wara diskussjoni ġie deċiż illi tinħareġ stqarrija għall-*media* fejn jiġi spjegat dan il-każ imma fl-istess waqt infissru wkoll kif l-allokazzjoni tagħna hija limitata ħafna għax-xogħol u għall-kobor tal-Kunsill.

73.5.5 Ir-rapport finanzjarju ġie approvat b'mod unanimu.

**73.6 Staff tal-Kunsill – Bilanċi tal-*Leave***

73.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fuq kumment ta' l-awdituri s-sena li għaddiet, qiegħed jgħaddi lista tal-ħaddiema tal-Kunsill u kemm se jġorru leave magħhom għas-sena li ġejja. Is-Segretarju qal illi f'żewġ każijiet parikolari, kellu talbiet minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-ħaddiema jġorru l-leave kollu għas-sena d-dieħla pero' s-Segretarju Eżekuttiv intalab biex din is-sitwazzjoni speċjalment fejn il-leave li jkun għad fadal jaqbez l-48 siegħa, ma terġax tirrepeti ruħa u jara li kulħadd jieħu l-leave.

**73.7 *Tender Road Resurfacing and Ancillery Works***

73.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-konsulent ta' dawn it-tip ta' tenders kien għadu mhux lest bil-kitba tat-tender minħabba li ridna ndaħlu ħafna items. Huwa talab lill-Kunsill jikkunsidra estensjoni ta' dan it-tender għal ftit xhur oħra.

73.7.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi dan huwa kuntratt li diġa' ġie estiz allura wieħed għandu jitlob parir mid-dipartiment.

73.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma hemmx pjanat xogħol urġenti iżda kien hemm fond tar-reġjun, diġa' applikajna b'rati tal-V&C u minħabba dewmien li kien hemm minħabba numru ta' entitajiet per eżempju WSC, il-proġett irid jibda wara l-festi.

73.7.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lis-Segretarju jieħu azzjoni kontra l-konsulent tal-Kunsill jekk it-tender ma jasallux sal-ġimgħa ta' wara. Hija qalet illi wieħed għandu jikkunsidra estensjoni biss biex isir ix-xogħol li għalih il-fondi ġejjin mir-reġjun.

**73.8 Tender *Upkeep* tal-Latrini**

73.8.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi ma lħaqna qbil ma' l-ebda entita' biex il-latrini jinfetħu u jitnaddfu minn persuni impjegati ma' dipartimenti tal-gvern għalhekk ma għandniex triq oħra ħlief li noħorġu tender.

73.8.2 Il-Kunsillier is-Sur John Borg qal illi jekk l-irħas kuntrattur ikollu prezzijiet redikoli ma għandniex nagħżluh.

**73.9 Triq Tommaso Dingli**

73.9.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi Triq Tommaso Dingli reġgħet iċċaqalqet, anke fejn erġajna biddilna, u ktibna lill-kuntrattur.

73.9.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi mindu beda l-proġett fi żmien li kien Sindku hu, il-Perit tal-proġett mill-ewwel kien qallu illi jekk mhux ser tingħalaq it-triq għar-residenti se jkollna l-problemi. L-art hija taflija u sismika ħafna. Din reġa' għandha ħsara mindu għalqu Bontadini u reġa' żdied it-traffiku. Is-soluzzjoni hi li l-aħħar parti ta' Old Railway ssir one way bil-kontra u kull min irid imur San Alwiġi ma jkollux għalfejn jidħol Tommaso Dingli. Imbagħad f'Tommaso Dingli nagħmlu tabelli li t-triq tkun għall-użu tar-residenti biss.

73.9.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi se niktbu lil TM dwar dan is-suġġeriment.

**73.10 Tender Kjosk Stazzjon**

73.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dwar it-tender tal-kjosk ta' stazzjon, ingħata l-award, madankollu min rebaħ it-tender xtaq jiddiskuti xi affarijiet mal-Kunsill.

73.10.2 Is-Sur Sean Fitz minn SJF Ltd li rebħet it-tender qal li l-ewwel *concern* li kellu kienet illi minn fuq il-pjanta għal meta eventwalment żaru l-post, il-kjosk huwa wieħed żgħir ħafna u f'dak iċ-ċokon ma jistax isir kjosk tal-livell li rridu. Milli ra fit-*tender document*, il-Kunsill ma jridx kjosk tal-qamel li n-nies imorru għandu biex jixtru *chewing gum* imma jrid ikollu *standard* qawwi. Anke minħabba *health and safety* huwa talab illi tinbena kamra fejn hemm il-latrini biex hemmhekk jagħmel kċina esterna. Huwa talab ukoll illi jingħata permess li jagħmel *canopy* fuq is-siġġijiet ħalli fix-xitwa jintużaw ukoll.

73.10.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi meta kien Sindku, il-permess tal-kjosk ma ħariġx minħabba dawn ir-raġunijiet. Hu qal ukoll illi jifhem lil dan is-sinjur li għandu bżonn kċina imma diġa' kien hemm problemi fuq id-daqs tal-kjosk għax Birkirkara mhix kunsidrata bħala post turistiku.

73.10.4 Is-Sur Fitz qal illi kif wieħed idaħħal *fridge, counter* u forn, ma tistax tiċċaqlaq, ma hemmx spazju ta' xejn iktar.

73.10.5 Kien hemm diskussjoni. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi se titkellem mal-konsulent li ħareġ it-tender jekk nistgħux naffetwaw dawn it-tibdiliet, kif ukoll titkellem mal-perit tal-Kunsill sabiex jiskatta l-proċeduri mal-*Planning Authority*. Pero' kien hemm qbil illi l-Kunsill ma joġġezzjonax għat-talbiet tas-Sur Fitz jekk il-konsulent min kiteb it-tender jagħtina *go ahead* u jinġabu l-permessi neċessarji mill-PA.

**73.11 Attivita' Istrina 13 ta' Diċembru**

73.11.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi wara li se jkollna l-attivita' fil-pjazza fejn hemm il-monument ta' Sir Anthony Mamo, il-President ta' Malta se żżur l-uffiċju tal-Kunsill fl-4pm biex nippreżentawlha l-flus. Kulħadd huwa mistieden.

**73.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 54, u Petty Cash**

73.12.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg issekondata mill-kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja.

73.12.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 54 kienet approvata – dan fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

**73.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għall-erbgħa 3 ta' Jannar 2018.

Konfermati, illum 3 ta' Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |